**Ir-Raba' Sena -Kitba K3**

**Storja fittizja: Kont rieqed u xħin qomt sibt ruħi f'dar misterjuża**

Kont fl-isbaħ ħolma meta f'daqqa waħda nisma' ħoss qawwi li ġegħilni niftaħ għajnejja b'ħasda. Ma stajtx nifhem x'kien qed jiġri. Madwari kien hemm dawl jixgħel u jitfi. Irrealizzajt li m'għadnix fil-kumdità ta' kamarti.

Inżilt minn ġos-sodda, ġismi jterter bil-bard u bil-biża'. L-art kienet tassew kiesħa taħt saqajja. Għollejt għajnejja bil-mod il-mod u ħarist madwari. Mal-ewwel indunajt li kont ġo dar antika, dik li tixbah lil tan-nanna Ċetta. Ersaqt lejn il-bieb biex infittex l-iswiċċ. Ridt nara fejn qiegħed eżatt u x'hemm madwari. Sfortunatament ma kienx hemm elettriku u kif neħħejt idejja reġa' nstema' ħoss kbir ġej minn isfel.

Fuq it-tavolina dehret xemgħa mixgħula u mingħajr ma ħsibtha darbtejn, qbadtha u ftaħt il-bieb. Bdejt miexi inkiss inkiss 'l barra sakemm rajt bħal taraġ antik li jagħti għal isfel. Kif bdejt nieżel, ħassejt bħal riħ jifriskali l-għaraq ta' wiċċi. Ma stajtx nifhem x'kien hemm madwari, ix-xemgħa ma kinitx biżżejjed dawl ta' għajnuna. Fid-daqqa u l-ħin instemgħet sajjetta fil-viċin u ħassejt lil xi ħadd jimbuttani bil-goff. Spiċċajt nirrombla t-taraġ waqt li tlift in-nuċċali tal-vista.

Smajt bħal għajjat ġej mill-kamra ta' wara. Bil-paniku li qabadni qomt niġri bla ma naf fejn sejjer u sibt ruħi ġo kċina. Bid-dawl tal-qamar jirrifletti mit-twieqi, stajt nara li fuq il-bank kien hemm ħafna ikel immuffat. Stajt nagħraf li dan kien l-ikel li kienet tħobb issajjar in-nanna Ċetta. Waqt li kont qed niċċassa lejn dak il-platt tar-ross il-forn, ħassejt demgħa iċċarċar ma' ħaddejja.

Filwaqt li bdejt naħseb fuq in-nanna, il-kċina nxtegħlet, il-forn reġa' beda jaħdem u dehret forma ta' mara b'fardal tat-tisjir. Din daret lejja, tbissmitli tbissima tal-anġli u għajtili ismi. Għalaqt għajnejja. Kont ċert li dik kienet in-nanna. Kif erġajt ftaħthom, sibt ruħi fis-sodda tal-kamra tiegħi, madwar l-erba' ħitan familjari bit-tpinġijiet u r-ritratti tal-artisti moderni li dendilt il-ġimgħa l-oħra.



*Rebecca Scerri*

*Daniela Gauci*